# Mal-Mixja tas-snin – 1887-2007

**1887 - 120 snin ilu**
Wara t-telfa tal-Fundatur tas-Soċjetà, s-sur Giuseppe Micallef fis-sena 1886, is-soċjetà kienet garbet telfa kbira u hekk issa konna nsibu f'din il-kariga lil ħuh Gio Frangisk Micallef u bħala President Onorarju kien ġie magħżul in-Nobbli Giorgio Crispo Barbaro Marchese di San Giorgio. L-ewwel surmast direttur ukoll kien irtira u floku issa konna nsibu lil Carmelo Abela. Bħala Segretarju u kaxxier konna għadna nsibu lil Frangisku G Schembri u Giacomo Baldacchino, żewġ studenti universitarju, li x'aktarx li kienu huma li gabu lejn Hal Luqa lin-nobbli Giorgio Crispo Barbaro, peress li hu kien jgħallem ukoll fl-Universita.

**1897 - 110 snin ilu**
Fis-sena 1897 il-Banda Sant' Andrija ħadet sehem fil-festi kbar li saru fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Vittorja. Fl-20 ta' Ġunju, il-Banda Sant' Andrija kienet waħda mill-baned li ħadu sehem fl-isfilata li saret minn Bieb il-Bombi sal-Belt Valletta.

B'kollox kienu ħadu sehem 31 banda minn madwar Malta. Il-Banda Sant' Andrija kienet imxiet il-21 waħda fl-isfilata. L-isfilata kienet immexxija mill-Banda Prince of Wales u fl-aħħar kien hemm il-Banda La Vallette, tal-Belt Valletta. Wara ġiet ippreżentata bandiera komemorattiva mis-Sinjura Lloyd mart l-ammiral ta' dak iż-żmien u daqqet l-Innu Ingliż (God Save) fi Pjazza Teżorerija.

Fit-22 ta' Ġunju, għall-istess okkażjoni l-Banda Sant' Andrija esegwiet programm fi Pjazza Fosse il-Furjana mit-8.00 sa l-10.00 ta' filgħaxija, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Spiridione Zammit. Bħala tifkira, il-bandisti li ħadu sehem kienu ġew irregalati medalja ndurata.

Dik il-ħabta l-Banda Sant' Andrija kienet komposta minn 21 bandist.

**1907 - 100 sena ilu**
Fis-17 ta' Marzu saret elezzjoni tal-Kumitat u bħala President insibu lil Gio. Frangisk Micallef, Segretarju Andrea Micallef, Kaxxier Giuseppe Saliba u Asst. Kaxxier lil Pietru Spiteri flimkien ma' seba' membri oħra, Carmelo Fenech, Angelo Fiott, Ant. Spiteri, Salvu Micallef, Mose Zammit, Pitru Micallef u Carmelo Azzopardi. Bħala surmast direttur kien Mro. Antonio Cassar. F'dan il-perjodu fi ħdan l-Għaqda Mużikali sant' Andrija kienet iffurmat Orkestra u l-membri tagħha kienu jħallsu 1s 3d fix-xahar filwaqt li s-Surmast Direttur kien jitħallas £1 7s 6d fix-xahar.

Fil-ktieb tal-kaxxier għax-xahar ta' Novembru insibu li kien inġieb Euphonium għall-festa filwaqt li tħallset karrozza biex twassal is-surmast. Fil-ħruġ għal dan ix-

*LIL APPOSTLU*

# SANT' ANDREA

FIL JUM TAL FESTA TIGHOU LI ISSIR FIL CHNISIA PARROCCHIALI TA HAL-LUCA.

## F'30 ta NOVEMBRU 1922.

Tipchix izjed bin 'il htia
Ghainejc arfa-lejn Missierec
Biex fil hemm inti tfarrag'
U tghalimu dejjem tbierec.

Il-lhum iva jum tal hena
F'dan il viagg ta min ghair serh,
Inti ghandec b'kalbec colla
Inni tcanta ta cbir ferh.

Lil Andrea, cbir Appostlu
Jixrak uisk li nonorau
U bhala protettur taghna
Lilu immorru nimitau.

Fis ningiabru ulied Andrea
Mal missier tghana hanin
Ma nehdux f'dal' jum mkaddes
Li nghejdulu ferhanin

Inti iva cbir Appostlu
Ta Gesú il vera xbia
Int colonna uisk kauuija
Min tal chnisia nisrania.

Int id-dual tal vera fidi
Sa mil bidu mort urejt
X'hejn ferhan sibt lil Messia
Ghal huc Pietru inti grejt.

Inti cont fil gnien mkaddes
Li nissilt il fiur eulieni,
Biex fieh tahdem kalbec chibset
U sa l'ahhar bkajt kalbieni.

Mux Int forsi mil vant collu
Min tal ghadu il hacma kritt
Mux bix-xghol u l'gharak tighec
Ta Gesu' it-tghalim xerritt.

Mux Int forsi hemm fl'Acaja
Fejn tmiem chellu ix-xghol tighec
B'dic il hrara il Gesù ix-xandar
Fost tant xchiel mdauuar mighec.

Seua forsi li f'Egea
Tant theddid, turmenti smait !
Xejn ma serva: b'chelmtec dejjem
Fuk l'ghedeuua it-trionfait.

Liema id li setghet tasal
Sabiex tuakka lilec tmur.
Jech Int hu' guerrier kalbieni
Ta Sionne il kauui sur.

Int sa l'ahhar dic l'imhabba
Phal Mghalmec mort issib
Mahfra titlob ghal ghedeuua
Phalu mgholli fis-Salib

Fl'ghola ferh u armonia
Fdan il jum klubna muasslin
Nitolbuc li harsa tati
Fuk uliedec-Hallukin.

Soc. Filar. S. ANDREA.

Nihil obstat Die 11 Novembris 1922—Aloisius Can. Theol. Attard Cens. Theol.

xahar insibu li ġew irranġati l-leġiji u l-fanali u saret illuminazjoni tal-każin, dejjem fl-okkazjoni tal-Festa Titulari.

**1912 - 95 sena ilu**
F'din is-sena l-President kien s-sur Michele Agius Fil-kotba tal-kaxxier insibu li fix-xahar ta' Ġunju l-Orkestra Sant' Andrea ppartecipat kemm fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu u anke fil-festa ta' Corpus. Filwaqt li fix-xahar ta' Novembru l-Orkestra San Andrea ħadet sehem fit-tridu tal-Festa ta' Sant' Andrija ġewwa l-Knisja Parrokjali. Dan jirriżulta mill-kitba fil-ktieb tal-kaxxier.

**1917 - 90 sena ilu**
F'Lulju ta' din is-sena ġie magħżul bħala President is-sur Carmelo Zammit. Fil-fatt dan baqa' f'din il-kariga sas-sena 1942, jiġifieri 25 sena sħaħ u hu l-aktar president li dam f'din il-kariga. L-elezzjoni għall-president saret fid-29 ta' Lulju u s-sur Carmelo Zammit kien unanimament maħtur f'din il-kariga. Anqas minn xahar wara kienu maħtura l-Viċi Presient, Salvatore Cassar, is-Segretarju Filippo Azzopardi li kien Prokuratur Legali u Antonio Cremona bħal l-viċi Segretarju. Fis-7 ta' Settembru nħatar Giuseppe Zammit bħal kaxxier u Carmelo Cassar bħala l-viċi kaxxier. Is-sinjuri Pietro Deleonardo, Alberto Cassar, Giuseppe Mercieca u Gio Batta Caruana ġew eletti bħala deputati fil-kumitat. Skond il-kotba tal-kaxxier 53 soċu kienu jħallsu 8s jew 6s fix-xahar. Interessanti li fost dawn insibu anke lil Luca Grixti.

**1922 - 85 sena ilu**
Tradizzjoni li kienet ferm popolari f'dawk is-snin huma s-sunetti li kiènu jinkitbu u jitqassmu fl-okkazjoni tal-Festa Titulari ta' Sant' Andrija. Hawn hekk qed nippublikaw wieħed minnhom li propju kienet stampat mis-Soċjetà Filarmonika San Andrea fl-okkazjoni tal-Festa ta' Sant' Andrija nhar it-30 ta' Novembru 1922.

F'din is-sena nsibu bħala Segretarju ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija lis-sur Giorgio Caruana li kien elett f'din il-kariga fis-sena 1920. Hu dam f'din il-kariga sa Settembru 1929. Is-sur Giorgio Caruana kien l-ewwel Ħalluqi li kkontesta l-elezzjonijiet ġenerali tal-pajjiż u kien elett bħala Membru Parlamentari.

**1927 - 80 sena ilu**
Fis-17 ta' Settembru saret l-elezzjoni tal-Kumitat u skond il-ktieb tas-segretarju jidher li din kienet ikkontestata ħafna, tant li għal kull kariga kien hemm xejn anqas minn 3 sa 5 kandidati. L-kumitat kien iffurmat hekk. Bħala president baqa' Carmelo Zammit, Segretarju Giorgio Caruna, Kaxxier Giuseppe Zammit, Viċi President Carmelo Fenech, Viċi Segretarju Antonio Micallef, Asst. Kaxxier Francesco Mercieca, Deputat tal-Banda Antonio Cremona, Kuratur tal-Każin Michele Galea u Deputat tas-Soċi Giuseppe Sapiano.

**1932 - 75 sena ilu**
Fl-okkazjoni tal-ewwel Programm Mużikali li dderieġa Mro Anton Muscat Azzoppardi, is-Sur Carm Zammit u l-familja tiegħu rregalaw lill-Banda Bandalora ħamra bl-arma tas-Soċjeta u bil-kliem 'Circolo e Firamonica San Andrea Luca' u s-sena meta ġiet irregalata irrakmati bid-deheb. Din il-Bandalora kienet ppreżentata mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Sir Ugo P. Mifsud.

**1937 - 70 sena ilu**
Il-każin tas-Soċjetà issa kien f'Misraħ Sant' Andrija nru 13. F'din is-sena kienet reġgħet ġiet imġedda l-kirja tiegħu ma' sid il-post, Kelinu Ellul. Fil-fatt skond kitba li nsibu fil-ktieb tas-segretarju naqraw li dan sar il-Ħadd 18 ta' Lulju fil-preżenza tal-kaxxier Giuseppe Zammit, il-viċi segretaru

A.D. 1883

# Lill-Banda SANT'ANDRIJA

## TA' ĦAL-LUQA

### 30 TA' NOVEMBRU 1947.

Mgħburin mal-banda tagħna
Magħqudin f'dan il-mument
Taħt il-kmand il-maħbub tagħna
Is-Sur Alex president.

President ta' min iħobbu
Għax ġentili ma' kulħadd
Qiesu vjola taħt il-weraq
Li jitpaxxa bih kulħadd.

Imbagħad għandna s-segretarju
Ġuvni ħelu s-Sur Tonin
B'dik id-daħka f'fommu dejjem
Ma' kulħadd jimxi ħanin.

Imbagħad għandna dak ix-xwejjaħ
Is-Sur Zammit it-teżurier
Ħamsin sena jirsisti dejjem
Tal-każin hu il-Bankier.

Għandna wkoll lis-Sur Saliba
Magħżul dejjem għall-Kaxxier
Raġel kwiet iħobb is-sewwa
Ma' kulħadd jimxi bil-fir.

Bħal ħuġġieġa kollha mħabba
Il-qalbieni kumitat
Jaħdem dejjem bl-enerġija
Dejjem minna rrispettat.

Viva ngħajtu l-bandisti
Kollha żagħżagħ ferħanin
Edukati moħħ brillanti
Kuraġġjużi qalbenin.

Viva wkoll is-Soċi kollha
Li jinħabbu ma' xulxin
Ferħ minn qalbhom juru dejjem
Kollha jirsistu għall-Każin.

U l-banda imreġija
Mis-Surmast is-Sur Muscat
Direttur ġenjuż bl-unuri
Ġuvni ħelu edukat.

Is-Surmast Toninu tagħna
Sigra nfirxet bil-ħlewwiet
Direttur ta' bosta baned
Fil-kampanja u fl-ibliet.

Magħruf sew għall-ħila tiegħu
Malta kollha kif iddur
Kulħadd igħidlek kelma waħda
Li hu bravu Direttur.

Hekk kif tilmħu bil-pakketta
B'dik il-ħelwa attenzjoni
Skantat tibqa' tgħid ġo qalbek
Oh xi gmiel ta' direzzjoni.

U hekk nibqgħu sa ma' mmutu
Biex inkwiet ma' jkollna qatt
Ma' xulxin nibqgħu ninħabbu
Paċi dejjem ma' kulħadd.

Il-Banda Sant'Andrija.

Stamperija tad-Dar ta' S. Ġużepp—Ħamrun.

Gio Batta Caruana u s-sinjura Maria Anna Ellul il-mara ta' Kelinu Ellul. Kien miftiehm li l-post jerġa' jinkera għal ħames snin *di fermo* u ħames snin *di rispetto* għassomma ta' £15 fis-sena. Kien miftiehem ukoll li sid il-kera jieħu ħsieb isewwi ħsarat straodinarji li jista' jġarrab il-post filwaqt li l-kerreja jieħdu ħsieb il-manutenzjoni regolari tiegħu, bħal xogħol tażżebgha u tibjid tal-post.

**1942 - 65 sena ilu**

Fis-7 ta' April, fl-eqqel tal-attakki talgħadu fuq Malta il-Każin tal-Banda Sant' Andrija li dak iż-żmien kien f'Misraħ Sant' Andrija ġġarraf għal kollox taħt xita ta' bombi. Il-Każin kien diġa ntlaqat nhar is-26 ta' Frar 1941. Jumejn wara nhar id-9 ta' April 1942, ġġarfet sew il-Knisja Parrokjali fuq in-naħa tal-Kappellun tar-Ružarju. Il-Quddies kollu beda jsir fuq in-naħa tal-kappellun tal-Agunija.

**1947 - 60 sena ilu**

Din is-sena naraw il-ħatra tas-sur Alex Serge, żagħżugħ ħabrieki, bħala President tas-Soċjeta. Il-Banda Sant' Andrija ħatret lis-sinjuri Antonio Micallef u Gio Batta Caruana, bħala l-ewwel delegati tagħha fil-*Malta Band Clubs Association* li twaqqfet f'din l-istess sena. Sadanittant il-bini fil-Knisja Parrokjali kien miexi ġmielu. Tlesta l-bini fuq in-Navi tax-xellug u l-faċċata tal-ġenb (in-naha ta' triq id-9 ta; April), kif ukoll ssaqfet il-Korsija sal-arkun tal-pilastri maġġuri. Din il-parti tbierket mill-isqof Emmanul Gerada nhar id-9 ta' Marzu.

F'din l-istess sena fl-okkazjoni tal-Festa Titulari nsibu li kien stampat sunett b'tifhir lill-membri u diriġenti tal-Banda Sant' Andrija u anke ieħor b'tifhir lill-Banda Ħalluqija li ġġib l-arma u l-isem Sant' Andrija.

**1952 - 55 sena ilu**

Bħala President tas-Soċjeta konna nsibu lis-sur Antonio Micallef. Dan kien strumentali sabiex l-Għada Mużikali Sant' Andrija akkwistat il-post il-ġdid għall-każin tagħha f'Misraħ il-Knisja. Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju, ngħata bidu għall-festi Kbar li kienu organizzati biex ikun inawgurat il-Każin il-ġdid f'Misraħ il-Knisja u fl-istess hin jitfakkar is-70 anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija li kien jaħbat ftit xhur wara. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jinkludu, marċi u programmi minn diversi baned mistiedna, konferenzi, kxif ta' rħama kommemorattiva u l-ftuħ tal-każin il-Ħadd, 6 ta' Lulju. Ta' sinifikat speċjali kienet il-Bandalora bl-arma tal-Belt ta' Amalfi rregalata mill-*Concerto Bandistico di Amalfi* kif ukoll il-Kallotta li kienet rregalata minn Monsinjur Angelo Rossini, Arcisqof ta' din il-belt, għal din l-okkażjoni speċjali. Barra dan il-kumitat kien ħaseb li jordna strumentatura ġdida Boosey & Hawkes mingħand l-agenti tagħhom P. Carabott tal-belt Valletta.



No. 319/H.

Malta Agents for BOOSEY & HAWKES LTD. ... Street, London.

Bankers "SCICLUNAS BANK" "NATIONAL BANK OF MALTA" "TAGLIAFERRO BANK"

Mr. The Cashier, "St.Andrew's Band" Luqa.

Dr. to P. Carabott

MUSIC ESTABLISMENT
— ESTABLISHED 1864 —
17, MERCHANTS STREET-VALETTA
NEAR G.P.O.

Managing Director L. CARABOTT

MALTA 12th. December 1952.

| | |
|---|---|
| 14 Bb Boehm Bb Clarinettes @ £25 each.............. | £350- 0- 0d. |
| 14 Bb " " Cases @ £ 1- 8-0d each....... | 19-12- 0d. |
| 1 R. & C. Bass Clarinette - 16 keys-.............. | 45- 0- 0d. |
| 1 " " " case.............. | 5-10- 4d. |
| 3 dozen March Manuscript Paper @ 3/- doz:........ | 9- 0d. |
| 2 Bb Piston Trombones @ £37-0-0d................ | 74- 0- 0d. |
| 1 F & Eb Tenor Cor............................ | 48-17- 6d. |
| 1 Bb Flugel Horn.............................. | 30-17- 6d. |
| 1 Bb Trumpet.................................. | 22-19- 6d. |
| 1 Bb Euphonium................................ | 82- 1- 6d. |
| 1 Bb Baritone................................. | 54-17- 6d. |
| 1 Eb Clarinette (Quartin)..................... | 26- 8- 0d. |
| 1 F & Eb Tenor Cor............................ | 48-17- 6d. |
| | £ 798-15- 4d. |
| Paid on a/c (deposit)......................... | 200- 0- 0d. |
| | £ 598-15- 4d. |
| SPECIAL DISCOUNT. | 10- 2- 6d. |
| | 588-12-10. |

E.&.O.

FOR P. CARABOTT
RECEIVED PAYMENT
WITH THANKS

..., Army & Air Force Contractors.




TIFĦIR

# LILL-BANDA ĦAL-LUQIJA

## Li ġġib l-Arma u l-Isem SANT'ANDRIJA

F'dan il-jum kbir u solenni
F'dina l-festa ta' l-Appostlu
Tifħir immorru nroddu
Lil min bil-wisq jistħoqlu.

Dik il-banda li ġġib l-arma
Ta' l-Appostlu S. Andrija
Li f'qalbna llum tnissel
L-akbar ferħ u l-allegrija.

Bħala stilla tirrisplendi
F'din il-ġurnata l-arma tagħha
Ir-raġġi tagħha f'qalbna titfa
Biex ilkoll ningħaqdu magħha.

Dina l-arma li qiegħed insemmi
Bla xejn inġibu idejiet
Tikkonsisti, Salib, Kuruna
Imdawrin biż-żewġ palmiet.

Dina l-arma tal-banda tagħna
Biha ninsabu wisq kburin
Jekk xi Ħal-Luqi ma sellimx lilha
Ma jkunx min-nisel ta' Ħal-Luqin

Dina l-arma ġo Ħal-Luqa
Ta' bil-fors iġġiblek għira
Arma oħra ġo pajjiżna
Ħdejn ta' l-Appostlu hija żgħira.

Għaliex b'dik l-arma ta' l-Appostlu
Li hemm fil-fidi tal-magħmudija
Lil kulħadd immorru nuru
Li aħna ulied ta' Sant'Andrija.

Dana l-isem ta' din il-banda
Fost l-oħrajn huwa l-aħjar
Huwa l-Isem ta' Sant'Andrija
Ta' Ħal-Luqa it-Titular.

Viva ngħidu 'l Qaddis tagħna
Il-kbir Appostlu Sant'Andrija
Viva dejjem dik il-Banda
Li għalih hija msemmija.

Bir-raġun o Banda tagħna
Miegħek nibqgħu mgħaqudin
Għax il-kbir Ismek S. Andrija
Huwa l-għaxqa ta' Ħal-Luqin.

30 ta' Novembru 1947.

UVLAS

Stamperija tad-Dar ta' S. Ġużepp—Ħamrun.

**1967 - 40 sena ilu**
Fil-festa ta' Sant' Andrija ta' din is-sena nstema għall-ewwel darba l-orgni l-ġdid fil-Knisja Parrokjali. Dan nħadem middittà taljana 'Vincenzo Mascioni'.

Is-sur Carmelo Baldacchino jinħatar President ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Fl-okkazjoni taz-zjara tar-Reġina Elizabetta f'pajjiżna l-Banda Sant' Andrija daqqet marċi brijużi fil-bypass ta' Ħal Luqa.

**1972 - 35 sena ilu**
Jerġa' jinħatar is-Sur Feliċ Farrugia bħala President ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija għat-tielet darba. Dik is-sena kien miftihem bejn iż-żewġ baned tar-raħal li fl-aħħar jum tat-tridu tieħu sehem waħda mill-baned. Dik is-sena fit-30 ta' Ġunju daqqet il-Banda Sant' Andrija li kienet taħt it-tmexxija ta' l-Asst. Surmast Carmelo Caruana. Lejlet il-festa l-Banda kienet taħt id-drezzjoni tas-Surmast Anton Muscat Azzopardi. Dik is-sena bdiet id-drawa li s-sett tal-marċi l-ġodda li jkun ser indaqqu għall-festa jkunu kollha kompożizzjoni ta' surmastrijiet u bandisti ta' l-istess Banda. Drawwa li għada ssir sal-ġurnata tal-lum.

**1982 - 25 sena ilu**
It-tim tad-darts kompost minn membri tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija rebaħ il-league tat-tieni diviżjoni u kien promoss għall-ewwel diviżjoni. Mistieden speċjali kien ic-Champion tad-dinja tad-darts s-Sur John Lowe.

**1987 - 20 sena ilu**
Din is-sena rat it-twaqqif tal-Banda taż-żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà, bit-tħabbrik tal-mibki ex President Onorarju s-Sur Carmelo Baldacchino. Din il-Banda taż-żgħażagħ kisbet suċċessi notevoli bi Programmi Mużikali f'postijiet differenti fosthom diversi drabi fil-Ġara Mużikali organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned.

Dik is-sena wkoll il-Banda Sant' Andrija ipparteċipat f'konkors għal Baned Maltin imniedi mill-Ministeru tal-Kultura fit-Teatru Manoel u minn fost id-diversi baned li ħadu sehem, il-Banda Sant' Andrija kisbet it-Tieni post u kienet preżentata bi trofew prestiġġjuż.

**1992 - 15-il sena ilu**
L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ħadet sehem fl-attivitajiet li saru f'Ħal Luqa biex jitfakkar għeluq il-50 sena ta' l-agħar ġurnata fl-istorja ta' Ħal Luqa, nhar id-9 ta' April 1942.

**1997 - 10 snin ilu**
Din is-sena tibqa' mfakkra għax fiha nkitbet paġna oħra fl-istorja tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija u ta' Ħal Luqa. Fis-16 ta' Settembru l-Banda Sant' Andrija bdiet żjara fil-Belt ta' Amalfi ġewwa l-Italja u f'Taormina fi Sqallija. Il-Banda Sant' Andrija esegwiet Programmi Mużikali f'dawn iż-żewġt ibliet u kienet ppreżentata b'diversi rigali.

Minn naħa tagħha is-Soċjeta ppreżentat Bandalora bix-xbiha tal-istatwa titulari ta' Sant' Andrija lis-Sindku ta' Amalfi, biex tkun reċiprokata l-għotja li ngħatat is-Soċjeta tagħna lura fl-1952. Din il-Bandalora tqegħdet fis-Sala prinċipal tal-Muniċipju. Matul din iż-żjara il-banda kienet akkumpanjata minn numru ta' partitarji. Il-grupp wasal lura Malta nhar il-Ħadd 20 ta' Settembru.

Dik is-sena wkoll kienet inawgurata l-estensjoni tal-maħżen ta' l-armar mill-President Ivo Seychell u mbierka mill-Kanonku Dun Karm Zammit.

**2002 - 5 snin ilu**

Fil-festa titulari ta' din is-sena, l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija fakkret il-50 anniversarju mill-ftuħ tal-każin il-ġdid f'Misraħ il-Knisja. Din l-okkazjoni kienet mfakkra kif jixraq, bi Programm Vokali u Strumentali fuq il-plancier artisrtiku nhar il-Erbgha, 3 ta' Lulju, li għalih attendew fost persuni distinti oħra, l-Eċċ Tieghu l-President ta' Malta ta' dak iż-żmien il-Profs Guido de Marco. Dan il-programm kien segwit minn attendenza numeruza f'Misraħ il-Knisja u l-President ta' Malta ngħata merħba kbira mal-wasla tiegħu. Wara l-programm il-President kien mdawwar fil-Każin u kixef irħama kommemorattiva ta' din l-okkazjoni, waqt li ngħata rigal ta' tifkira.

**Riferenzi**


Ħal Luqa niesha u ġrajjietha - Dun Guzepp Micallef

Programm tal-Festa ta' Sant' Andrija 2002

370 sena Parroċċa Sant' Andrija - Ħal Luqa - Għaqda Mużikali Sant' Andrija

Ġrajjiet l-ewwel mitt sena tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija

Kotba tas-Segretarju u tal-Kaxxier - Għaqda Mużikali Sant' Andrija.


**Anton Fenech**
**Raymond Zammit**


JOE'S Garage

(Bazzi)

PANEL BEATER

Plot 12/13
Industrial Estate,
Luqa
(Opposite Water Services)

Tel: 21244477

Mobile: 79244477

*Prop. Joe Giusti*

BONAVIA

WOOD WORKS
&
WOOD TUNERS

Wilfred Bonavia

No. 47 INDUSTRIAL ESTATE
LUQA

Mobile: 79446228